**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2024**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 824/2024 JVC**

**Aidan Cilia La Corte (K.I. 499992M)**

**vs**

**Simon Debono (K.I. 32165M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Aidan Cilia La Corte prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. ʻIlli l-esponenti gie inkarigat jagħmel diversi xogħlijiet ġewwa blokk taʼ appartamenti bin-numru uffiċjali 289, sitwat Triq DʼArgens, il-Griza fosthom xogħlijiet relatati maʼ *finishings* taʼ appartamenti u servizzi taʼ dawl u ilma liema servizzi ġew prestati bʼmod konklussiv;

2. Illi rriżulta li għalkemm l-intimat għamel numru taʼ pagamenti u wiegħed lill-esponenti li ser iħallas il-kumplament tal-ammonti u cioe l-ammont taʼ wieħed u tlettin elf, ħames mija tmienja u erbgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€31.548.43) dovuti minnu lill-esponenti, l-intimat baqaʼ inadempjenti w għalhekk l-esponenti kellu jieħu l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-intimat;

3. Illi d-debitu taʼ wieħed u tlettin elf, ħames mija tmienja u erbgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€31, 548.43) huwa ċert, likwidu u dovut u fl-ebda ħin ma ġie nnegat jew ikkontestat biss pero għadu dovut mill-intimat u dawn il-fatti huma magħrufa mill-esponenti li qiegħed jikkonferma l-istess bil-ġurament tiegħu u jiddikjara li sa fejn jaf hu, il-konvenut mʼgħandux eċċezzjonijiet xʼjagħti kontra din it-talba;

4. Illi saru diversi tentattivi mill-esponenti sabiex jinġabar il-ħlas dovut iżda dawn kollha waqgħu fuq widnejn torox u l-intimat baqaʼ inadempjenti;

5. Illi l-ammont globali li għadu dovut mill-intimat lill-esponenti allura jammonta għall-valur komplessiv taʼ wieħed u tlettin elf, ħames mija tmienja u erbgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€31, 548.43), liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u għalhekk fil-fehma tal-esponenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et seq. tal-

Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess esponenti, l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmija ammont;

6. Illi nonostante li l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont, huwa f'kull stadju baqa' inadempjenti minkejja li l-ammont huwa dovut;

7. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joġgħobha tiddispensa bis-smigħ tal-kawża a tenur l-Artikolu 167 et. Seq:

1. Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba b'dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lill-intimat debitur favur l-esponenti fis-somma ta' wieħed u tlettin elf, ħames mija tmienja u erbgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€31, 548.43);

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas l-esponenti s-somma ta' wieħed u tlettin elf, ħames mija tmienja u erbgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€31, 548.43);

Bl-ispejjeż kollha, inkluż l-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dokumentazzjoni annessa mal-istess rikors guramentat fosthom l-ittra ufficjali data 11 ta' Jannar 2024 debitament notifikata lill-intimat Simon Debono.

Rat l-*invoices* annessi mal-istess rikors guramentat a fol 6 et seq tal-process li jirraprezentaw in total is-somma dovuta kif indikata fir-rikors guramentat.

Rat illi ghalkemm illi l-partijiet talbu tlett differimenti sabiex possibbilment jaslu ghal transazzjoni effettivament ma waslux ghal ftehim.

Rat illi fis-seduta tallum stess l-intimat u l-avukat tieghu imsejha tlett darbiet ma dehrux.

Rat li fil-verbal tallum ghaddiet sabiex laqghat l-ewwel talba tar-rikorrent sabiex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda tar-rikorrenti Aiden Cilia La Corte llum stess li kkonferma li l-ammont rikjest fir-rikors guramentat ghadu dovut.

Illi mill-fatti kollha suesposti l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija debitament ppruvata u gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-intimat Simon Debono debitur favur ir-rikorrenti fis-somma ta' wieħed u tletin elf, ħames mija, tmienja u erbgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€31, 548.43);

3. Tilqa' it-tliet talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat u bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Novembru 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2024**